



Brussell, 23 ta' Mejju 2023  
(OR. en)

**9675/23**

**ESPACE 23  
CFSP/PESC 754  
CSDP/PSDC 405  
TRANS 202**

### **EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

fi: 23 ta' Mejju 2023

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 8962/23

Suġġett: Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju

- *Konklużjonijiet tal-Kunsill (approvati fit-23 ta' Mejju 2023)*

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju, adottati mill-Kunsill fit-3949 laqgħa tiegħu li saret fid-23 ta' Mejju 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju**

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**FILWAQT LI JFAKKAR**

- A. fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar "Approċċ tal-UE għall-ġestjoni tat-traffiku spazjali" tal-10 ta' Ġunju 2022<sup>1</sup> li jipproponu li tintuża d-definizzjoni operattiva tal-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju (STM) mill-Komunikazzjoni Konġunta tal-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà dwar "Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispazju – Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali"<sup>2</sup> tal-15 ta' Frar 2022 bħala bażi għall-ħidma li għaddejja fil-livell tal-UE u t-tħejjija tal-kontributi tal-UE għal diskussionijiet internazzjonali;
- B. fir-Rapport tal-Presidenza dwar l-STM tal-4 ta' Novembru 2021<sup>3</sup>, bħala pass importanti fil-pjan direzzjonali approvat mill-Kunsill, li jenfasizza l-ħtieġa li jiġi żviluppat approċċ tal-UE dwar l-STM, li jirrispetta l-kompetenzi tal-Istati Membri u l-intenzjoni tagħhom li jibqgħu responsabbli għall-iż-żvilupp, is-superviżjoni u l-infurzar tar-regoli tal-STM, fkonformità mat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;
- C. fil-kontribut konġunt tal-UE dwar l-implementazzjoni tal-Linji Gwida dwar is-Sostenibbiltà fit-Tul tal-Attivitajiet fl-Ispazju Ekstratmosferiku tal-Kumitat tan-NU dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Ekstratmosferiku<sup>4</sup>;

---

<sup>1</sup> 10071/22.

<sup>2</sup> JOIN(2022) 4.

<sup>3</sup> 13407/21 + COR1.

<sup>4</sup> Id-dokument A/AC.105/C.1/2023/CRP.12 huwa disponibbli fuq

[https://www.unoosa.org/res/oosadoc/data/documents/2023/aac\\_105c\\_12023crp/aac\\_105c\\_12023crp\\_12\\_0\\_hml/AC105\\_C1\\_2023\\_CRP12E.pdf](https://www.unoosa.org/res/oosadoc/data/documents/2023/aac_105c_12023crp/aac_105c_12023crp_12_0_hml/AC105_C1_2023_CRP12E.pdf)

1. JIRRIKONOXXI li l-ispazju huwa beni komuni globali, ħieles għall-esplorazzjoni u l-użu mill-istati kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni, fuq bażi ta' ugwaljanza u f'konformità mad-dritt internazzjonali<sup>5</sup>; u JENFASIZZA d-dritt għal użu liberu, ġust u paċċiku tal-ispazju u aċċess għaliex għall-benefiċċju tal-popli kollha, irrispettivament mill-grad tal-iżvilupp ekonomiku jew xjentifiku tagħhom jew mil-livell tal-kapaċitajiet spazjali tagħhom; JISSOTTOLINJA li użu ġust u sostenibbli tal-ispazju għandu jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma jikkomprometti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess;
2. JIRRIKONOXXI li t-teknoloġija, id-data u s-servizzi spazjali saru indispensabbli fil-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej u b'hekk huma xprunaturi għall-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni, il-ħolqien ta' opportunitajiet ta' impjieggi u tkabbir ekonomiku, iż-żieda fil-kompetittività Ewropea, l-appoġġ għat-tranżizzjoni ekoloġika u diġitali, is-salvagwardja tal-UE u ċ-ċittadini tagħha u t-tishħiħ tar-reżiljenza u s-sigurtà tal-UE;
3. JIRRIKONOXXI li l-orbiti satellitari speċifiċi, b'mod partikolari l-Orbiti Dinjija Baxxi (LEO), qed isiru żona konġestjonata u perikoluża minħabba l-ammont dejjem jikber ta' oġġetti spazjali, bħal skart u satelliti, inkluż dawk li ma jistgħux jiġu mmanuvrati, forbita b'veloċitajiet għoljin ħafna, u b'hekk jipperikolaw il-possibiltajiet attwali u futuri tal-użu u l-aċċess għall-ispazju; IFAKKAR li l-għadd bla preċedent ta' oġġetti fl-ispazju qed jikber b'mod rapidu u qed joħloq riskju dirett għal traffiku orbitali u attivitajiet spazjali sikuri u sostenibbli; JISSOTTOLINJA li, fil-kundizzjonijiet attwali, l-attivitajiet spazjali futuri ser ikomplu jżidu l-ammont ta' skart; u JINNOTA l-importanza tal-kapaċitajiet għall-monitoraġġ tas-satelliti u l-monitoraġġ tal-iskart spazjali u l-evitar ta' kolliżjonijiet u biex ikun hemm aċċess għall-ispazju u r-ritorn minnu b'mod sikur;
4. FILWAQT LI JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex irawmu l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni sabiex jiġi minimizzat l-iskart spazjali futur u biex jiġi promossi attivitajiet ta' riċerka ta' rimedju tal-iskart sabiex jiġi mmaniġġjat l-ammont eżistenti ta' skart, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività Ewropea;

<sup>5</sup>

B'mod partikolari t-Trattat dwar il-Prinċipji li Jirregolaw l-Attivitajiet tal-Istati fl-Esplorazzjoni u l-Użu tal-Ispazju Ekstratmosferiku, inkluż il-Qamar u Korpi Ċelesti Oħrajn tas-27 ta' Jannar 1967.

5. JAFFERMA li fatturi bħas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà huma essenzjali biex jinkiseb "Użu ġust u sostenibbli tal-ispazju"; ITENNI l-potenzjal u l-importanza ta' approċċ tal-UE dwar l-STM, fkonformità mal-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ tal-UE għall-STM; JILQA' t-tišhiħ tal-kapaċitajiet permezz tal-kontribut tal-konsorzu tas-sorveljanza u insegwiment fl-ispazju (SST) tal-UE u s-sħubija SST tal-UE li għadha kif ġiet iffurmata, fkollaborazzjoni mal-Aġenzija tal-UE għall-Programm Spazjali, kif ukoll inizjattivi bħal kollaborazzjonijiet fil-livell globali mmirati biex jiżguraw użu sikur, sigur u sostenibbli tal-ispazju;
6. IĦEĠġEġ lill-Kummissjoni, fkooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u, fejn xieraq mar-Rappreżentant Għoli, tesplora r-rekwiżiti biex jiġu żgurati attivitajiet spazjali sikuri, siguri u sostenibbli, filwaqt li jitqiesu l-aspetti tas-sigurtà u d-difiża fejn rilevanti, li għandhom jiġu segwiti mill-fornituri kollha tas-servizzi satellitari li joffru servizzi lill-UE u liċ-ċittadini tagħha, filwaqt li tissahħħa il-kompetittivitā Ewropea, inkluż permezz tal-kondiċjoni tal-aħjar prattiki fost l-Istati Membri u l-attivitajiet tat-tišhiħ tal-kapaċitajiet;
7. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tiskambja fehmiet mal-Istati Membri u tesplora miżuri ta' incenliv biex theggex lill-fornituri tas-servizzi satellitari jużaw strumenti mhux legalment vinkolanti żviluppati fil-livell nazzjonali jew internazzjonali biex jitrawwem l-użu sostenibbli tal-ispazju;
8. JISTIEDEN lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni jiskambjaw l-aħjar prattiki dwar it-tnedja ta' liċenzji, proċeduri ta' sikurezza u dwar miżuri li għandhom l-għan li jiżguraw użu sostenibbli tal-ispazju skont il-liġijiet nazzjonali dwar l-ispazju, sabiex jiġu stabbiliti approċċi konsistenti bejn l-Istati Membri tal-UE inkluż bl-għajnuna tas-sett ta' għodod previst fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Approċċ tal-UE għall-Immaniġġjar tat-Traffiku fl-Ispezju – Kontribuzzjoni tal-UE li tindirizza sfida globali";

9. JIRRIKONOXXI li l-effetti tat-tniġġis tad-dawl u l-interferenza elettromanjetika b'mod partikolari mill-kostellazzjonijiet satellitari jridu jiġu kkunsidrati u għandhom jiġu stabbiliti miżuri ta' mitigazzjoni biex jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-osservazzjonijiet astronomiċi u r-riċerka madwar id-dinja; JILQA' l-isforzi tal-Kumitat tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Użu Paċifiku tal-Ispazju Ekstratmosferiku (UN COPUOS) f'dan ir-rigward;
10. JIRRIKONOXXI r-riskju ta' periklu tat-temp spazjali għall-infrastruttura u s-servizzi spazjali u l-infrastruttura kritika tal-art; u JĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiżviluppa aktar is-servizzi tat-temp spazjali kif previst fir-regolament dwar l-ispazju, f'kooperazzjoni mal-Istati Membri u l-Aġenzija Spazjali Ewropea;
11. JISSOTTOLINJA li l-frekwenzi użati mis-servizzi bbażati fl-ispazju u fl-attivitajiet spazjali huma riżorsa naturali limitata u jridu jintużaw b'mod razzjonali, effiċjenti u ekonomiku; u JĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jamministrav il-liċenzjar tal-frekwenzi biex jappoġġaw użu ġust u sostenibbli tal-ispazju;
12. JAPPELLA lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni biex ikomplu jimplimentaw il-21 linja gwida volontarji għas-Sostenibbiltà fit-Tul tal-Attivitajiet tal-Ispazju Ekstratmosferiku; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli, flimkien mal-Istati Membri, biex isegwu approċċi miftiehem u kkoordinat dwar kif tista' tinkiseb implementazzjoni effettiva ta' dawn il-linji gwida, inkluż fil-programm spazjali tal-UE u filwaqt li jiġu rrispettati l-kompetenzi tal-Istati Membri, sabiex jintlaħaq approċċi Ewropew li jkun sostenibbli fit-tul; IQIS b'mod partikolari li r-rekwiżit attwali għad-dekummissjonar sikur tas-satelliti 25 sena wara tmiem il-ħajja tagħħom għandu jiġi evalwat mill-ġdid; u JISTIEDEN lill-Kummissjoni tressaq suġġerimenti għal rekwiżiti li għandhom jiġu diskussi mill-Istati Membri sabiex tinkiseb is-sostenibbiltà u li l-Istati Membri u s-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna jistgħu jwasslu, fejn applikabbli, lill-fora internazzjonali rilevanti;

13. IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni tiproċedi bil-passi meħtieġa biex l-Unjoni tiddikjara, fejn xieraq, li l-UE taċċetta d-drittijiet u l-obbligi tal-Ftehim dwar is-Salvataġġ, il-Konvenzjoni dwar ir-Responsabbiltà u l-Konvenzjoni dwar ir-Reġistrazzjoni skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ispazju Ekstratmosferiku;
14. JISTIEDEN lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jistinkaw għall-implimentazzjoni globali tal-linji gwida li jistgħu jirriżultaw fužu sikur u sostenibbli tal-ispazju, f'konformità mal-ħidma fil-COPUOS tan-NU u s-sottokumitati tiegħu; u JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li tiġi promossa aktar fuq livell multilaterali l-preservazzjoni tas-sikurezza, is-sigurtà u s-sostenibbiltà tal-ispazju.